REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 17/2014

tal-10 ta' Jannar 2014

li jistabbilixxi l-formola standardizzata għan-notifika għal miżura speċjali skont il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 199b(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/112/KE, kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2013/42/UE [2], tintroduċi Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

(2) Il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida jippermetti lill-Istati Membri li jinnotifikaw l-adozzjoni ta' miżura speċjali li tidderoga mir-regola ġenerali prevista fid-Direttiva 2006/112/KE dwar il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Dik il-miżura tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' reverse charge tal-VAT bil-għan li jiġu miġġielda l-forom massivi u għall-għarrieda ta' frodi li jista' jwassal għal telf finanzjarju konsiderevoli u rrimedjabbli.

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar tan-notifika ta' miżuri speċjali tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida, għandha tiġi adottata formola standardizzata ta' notifika li tiddeskrivi u tirristruttura t-tagħrif meħtieġ minn Stat Membru li jinnotifika.

(4) Sabiex titqassar u tiġi razzjonalizzata l-proċedura ta' notifika tali formoli għandhom jiġu ppreżentati b'mod elettroniku lill-Kummissjoni.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri jużaw il-formola standardizzata stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' miżura speċjali tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kif stabbilita fl-Artikolu 199b tad-Direttiva 2006/112/KE.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppreżentata elettronikament f'indirizz elettroniku apposta, kkomunikat mill-Kummissjoni lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/42/UE tat- 22 ta' Lulju 2013 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 1).

ANNESS

Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida (MRR) [1]

FORMOLA TA' NOTIFIKA

1. **L-Istat Membru li qed jinnotifika**

L-isem tal-Istat Membru

2. **Is-Settur(i) li għandu/hom jiġi/u kopert(i)**

Is-Settur(i) ekonomiku/ċi kkonċernat(i):

Deskrizzjoni tal-prodotti jew servizzi li għalihom tingħata notifka ta' miżura speċjali tal-MRR [2]:

3. **Il-frodi tal-VAT diġà misjuba fis-settur(i) li għalih(om) qed issir in-notifika (jekk ikun hemm aktar minn settur wieħed kkonċernat, jekk jogħġbok agħti tweġibiet separati għal kull wieħed mis-setturi kkonċernati)**

Deskrizzjoni tat-tip u l-karatteristiċi tal-frodi (inkluż (stima ta') in-numru ta' persuni li allegatament ikunu qed jikkommettu tali frodi) [3]:

Id-data li fiha (jew il-perjodu li matulu) ġie skopert l-ewwel każ ta' frodi f'dan is-settur [3]:

It-telf tal-VAT attwali jew stmat, imġarrab matul l-aħħar tliet xhur (f'miljuni ta' EUR (jew ikkonvertiti f'EUR)) [3]:

It-telf tal-VAT attwali jew stmat, imġarrab matul l-aħħar sena kalendarja (f'miljuni ta' EUR (jew ikkonvertiti f'EUR)) [3]:

It-telf tal-VAT attwali jew stmat, imġarrab matul is-sena preċedenti l-aħħar sena kalendarja (f'miljuni ta' EUR (jew ikkonvertiti f'EUR)) [3]:

L-aħħar ċifra disponibbli ta' introjti totali netti nazzjonali annwali tal-VAT:

4. **L-iżvilpp futur antiċipat fis-settur li dwaru qed issir in-notifika (jekk ikun hemm aktar minn settur wieħed kkonċernat, jekk jogħġbok agħti tweġibiet separati għal kull wieħed mis-setturi kkonċernati)**

Deskrizzjoni tat-tipi u l-karatteristiċi tar-riskju ta' frodi:

L-evalwazzjoni tal-Istat Membru dwar kif se jiżviluppa l-frodi kif ukoll xi evidenza li ssostni dik il-konklużjoni:

L-istima tat-telf potenzjali annwali (f'miljuni ta' EUR (jew ikkonvertiti f'EUR):

[1] Ara l-Artikolu 199b tad-Direttiva 2006/112/KE.
[2] Jista' jsir użu għal oġġetti tal-klassifikazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda.
[3] Din għandha titħalla vojta jekk sa issa għadu ma kien hemm l-ebda telf fil-VAT. Dettalji dwar żviluppi futuri għandhom jiġi indikati fil-Kaxxa 4.

5. **Deskrizzjoni fil-qosor tal-urġenza (pereż. ir-raġunijiet għaliex mezzi oħra - miżuri konvenzjonali ta' kontra l-frodi, deroga skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE li ma tinvolvix notifika skont l-Artikolu 199b ta' dik id-Direttiva, xi inizjattiva leġiżlattiva - ma jistgħux jintużaw kontra l-frodi jew ir-riskju ta' frodi deskritt)**

6. **Iddeskrivi fil-qosor, jekk applikabbli, xi miżuri ta' akkumpanjament previsti**

7. **Xi kummenti jew informazzjoni oħra**

8. **Il-persuna li qed tinnotifika l-miżura speċjali MRR f'isem l-Istat Membru kkonċernat**

Isem il-persuna li qed tiffirma n-notifika:

Il-kariga tal-persuna li qed tiffirma n-notifika:

Firma:

Data ([1]):

([1]) Id-data hija dik ta' meta ssir in-notifika elettronika, imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament.